MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2005

Appell Civili - Ghawdex Numru. 29/2004/1

**Virgilio u Joan Antida konjugi Vella**

**vs**

**Michael u Emma konjugi Saliba**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Dicembru, 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba;

Ra r-risposta;

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:-

Il-fatti li taw lok ghall-pendenza in kwistjoni huma fil-qosor is-segwenti: L-attur ftiehem mal-konvenut li kellu jbieghlu zewg dghajjes mghammra sabiex minnhom ikun jista' jinbiegh il-gelat fuq il-bahar. Dghajsa minnhom qatt ma giet ikkonsenjata ghax kienet qieghdha tigi riparata f'Malta; it-tieni dghajsa giet ikkonsenjata lill-konvenut sabiex jipprovaha; fuqha saru xi riparazzjonijiet, l-attur biegh konsenja jew konsenji ta' gelat lill-konvenut u baghat lil ibnu biex jakkumpanja lill-konvenut fuq id-dghajsa biex jurieh kif jinbiegh il-gelat fuq il-bahar. Ghal xi raguni, il-bejgh thassar, tant li t-trasferiment qatt ma sar, u l-attur talab lura d-dghajsa kkunsinnata. Il-konvenut ried rimbors ghall-ispejjez li nkorra f'riparazzjonijeit fid-dghajsa qabel jirritornaha. Giet skambjata korrispondenza bejn l-avukati tal-partijiet u fl-ahhar l-attur ipprezenta mandat ta' qbid kawtelatorju kontra l-konvenut, u meta sar hekk giet irritornata d-dghajsa u dak li kien fadal mill-istokk tal-gelat.

L-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta' Lm151.53 konsistenti filli gej:

| | | |
|---|---|---|
| Konsenja ta' gelat (li lahqet inbieghet) | | 91.91 |
| mandat ta' Qbid registru | | 18.00 |
| mandat ta' Qbid Dritt Avukat | 23.00 | |
| Ittra ufficcjali registru | 36.00 | |
| Ittra ufficcjali dritt avukat | | 8.62 |
| Totali | 177.53 | |
| Spejjez maghmula mill-konvenut fid-dghajsa | | |
| 26.00 | | |

Bilanc dovut
151.53

Kontra din it-talba, il-konvenut eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenuti mhux talli m'ghandhom jaghtu l-ebda ammont lill-atturi izda huma ghandhom jigbru somma flus minghand l-atturi rapprezentanti spejjez li saru minnhom fuq id-dghajsa proprjeta` ta' l-atturi.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti m'ghandhomx jigu ikkundannati jhallsu spejjez gudizzjarji li ghamlu l-atturi kappricosament fosthom ta' Mandat ta' Qbid li qatt ma gie segwit b'kawza mill-atturi stess.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.

Kontro-talba ma saritx; il-konvenuti jidher li qeghdin jitolbu kompensazzjoni gudizzjali ghat-talba tal-atturi. L-ispejjez minnhom allegatament inkorsi gew specifikati permezz ta' nota a fol 104 kif gej:-

Insurance (Dok A)
Lm95.75
Canape Repair (Dok B)
Lm15.00
Switch for Motor Lm15.00
Power Trim Lm10.00

Petrol for 7 days @ Lm14 each outing
Lm98.00

Electricty to kkep 3 big freezers running
From 06/06/02 to 17/07/02 – 41 days
Lm5.00

Court Registry expenses (Dok C) Lm43.00

Lawyers fees 2002-2003
Lm40.00

Loss of earnings due to work in garage on boat
14 days @ Lm15 per day
Lm210.00

Loss of earnings due to work on boat at sea
7 days @ Lm15 per day
Lm105.00

Lm636.75

Jirrizulta mid-deposizzjoni tal-marixxall, li mar jesegwixxi l-mandat ta' Qbid, li l-partijiet effettivament waslu fi qbil li jitterminaw il-pendenza ta' bejniethom billi wara l-kunsinna tad-dghajsa u l-gelat, kulhadd jibqa' b'li ha. Jinhtieg ghalhekk qabel xejn jigi kkunsidrat jekk dan il-qbil verbali huwiex vinkolanti fuq il-partijiet, ghax, jekk inhuwa hekk, huwa bil-wisq evidenti li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda. Il-ligi tghid li transazzjoni hija nulla jekk ma tkunx bil-miktub (art 1233 (d) Kodici Civili). Transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija, jew jevitaw li tkun sejra ssir (art 1718 Kap 12). Dan l-artiklu gie strettament interpretat mill-Qrati taghna, b'mod li mhux kull ftehim li jsir biex tigi evitata kawza li setghet issir huwa definit bhala transazzjoni, imma biss ftehim dwar kawza li tkun sejra ssir[1]. Billi l-ftehim sehh proprju waqt l-esekuzzjoni ta' mandat kawtelatorju, li jaqa' jekk ma jigix segwit b'kawza, huwa evidenti li l-ftehim kien transazzjoni, u allura – sfortunatament – huwa null u bla effett ghax ma sarx bil-miktub.

Ghar-risoluzzjoni ta' din il-pendenza jrid jigi ddeterminat tort ta' min kien li ma giex konkluz il-bejgh. L-attur iwahhal fil-konvenut, ghax jghid li dam m'ghamel l-assikurazzjoni tad-dghajsa (mehtiega biex ikun jista' jsir it-transfer) u li ma resaqx biex isir it-transfer u jaghmel kuntratt quddiem Nutar. Da parti tieghu, il-konvenut jghid li ma resaqx ghat-transfer ghax il-ftehim kien dwar it-trasferiment ta' zewg dghajjes, u li l-attur ghaddielu wahda biss filwaqt li l-ohra kienet baqghet fil-pussess tal-attur li ried isewwieha ghand persuna ta' fiducja tieghu. Ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jikkonkludi l-bejgh, ghax ovvjament ried jara x'kien qieghed jixtri. Jghid ukoll li kien l-attur li rrifjuta li jersaq ghall-bejgh ghax ma riedx jaghmel spejjez u ghax sab il-bejgh tad-dghajjes lil terzi. Il-konvenuti pproducew lil certu Jason Zammit biex

[1] Ara Maria Attard vs Francesco Camilleri – Qorti tal-Appell 30.06.2000 u Trevor Buhagiar vs Montaldo Insurance Services Ltd – 30.04.2003 – Onor R C Pace – Prim'Awla

jippruvaw it-tezi taghhom li kien l-attur li hassar il-ftehim, u mhux il-konvenut. Dan Jason Zammit pero` ta' xhieda inkonklusiva ghall-ahhar. Ta' min jghid li Zammit, ghalkemm prodott mill-konvenuti, jidher li huwa habib tal-attur ghax dan tal-ahhar ikun ta' spiss fil-garaxx tieghu. It-Tribunal jinnota wkoll li l-konvenut ma jidhirx li mar tajjeb fil-bejgh tal-gelat minn fuq id-dghajsa u li dakinhar tal-ezekuzzjoni tal-mandat baghat ittra lill-attur fejn offrielu li jirritornalu d-dghajsa. Ghalhekk hemm cirkostanzi li jimmilitaw kemm kontra l-verzjoni tal-attur kif ukoll dik tal-konvenut. B'daqshekk it-Tribunal ma jistax jirrikorri ghall-massima *actor non probante, reus absolvitur*, ammenokke` ma jirrizultalux li l-ebda verzjoni ma hija iktar kredibbli mill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, li *in civilibus* huwa sufficjenti biex tintlahaq decizjoni. Wara li haseb fit-tul, u fela sewwa t-traskrizzjoni tad-deposizzjonijiet, it-Tribunal wasal biex jaghti iktar affidament lill-verzjoni tal-konvenut, fuq is-segwenti kunsiderazzjonijiet : (1) huwa minn lewn id-dinja li wiehed ma jaccettax li jsir transfer ta' oggett li jkun ghadu ma rahx jahdem sewwa, bhad-dghajsa li dejjem baqghet fil-pussess tal-attur; (2) mhux minnu li l-konvenut m'assikurax id-dghajsa, kif irid jaghti x'wiehed jifhem l-attur, billi dan nefaq Lm95.75 biex effettwa l-assikurazzjoni tad-dghajsa li kellu fil-pussess tieghu (fol 105); (3) l-attur semma li l-konvenut naqas li jersaq quddiem in-Nutar biex jifformalizza l-ftehim biss fuq suggeriment tal-avukat tieghu stess u li ghalhekk dan it-Tribunal ma jaghtiha l-ebda affidament. Mill-provi akkwisiti jirrizulta iktar verosimili li kien l-attur li naqas li jersaq ghall-bejgh, u din id-decizjoni giet iktar tard accettata mill-konvenut.

Minn dak li qieghed jitlob l-attur, is-somma ta' Lm91.91 ghall-gelat mibjugh hija gustament dovuta. Izda mhux hekk jista' jinghad ghall-bqija tal-ispejjez, konsistenti fi spejjez gudizzjarji li saru bla bzonn. Min-naha l-ohra, lanqas huwa accettabbli l-ammont ta' Lm636.75 li l-konvenut qieghed igib bhala spejjez (fol 104). Minn dan l-ammont, in-nuqqas ta' qliegh mhux spejjez imma danni, haga li dwarha ma hemmx eccezzjoni u lanqas kontro-talba; u lanqas provi. Il-petrol, elettriku, u spejjez li nkorra

huwa u jipprova jbiegh il-gelat lanqas ma huma accettabbli, ghax wara kollox minkejja li l-bejgh tad-dghajjes spicca biex ma gietx effettwat, dawn saru a beneficcju tieghu tant li huwa rcieva l-flus provenjenti mill-bejgh tal-gelat. Pero` certament li l-konvenuti ghandhom jedd ghall-ispejjez li saru ghar-riparazzjonijiet fuq id-dghajsa, u ghall-ispejjez gudizzjarji u legali, li saru tort tal-atturi. Dawn certament jissuperaw is-somma ta' Lm91.91 li hija dovuta lill-atturi ghall-gelat mibjugh.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti in kwantu din tinvolvi tpacija gudizzjali mal-ammont ta' Lm91.91 dovut lill-atturi kif fuq spjegat u konsegwentement tichad it-talba tal-atturi, bl-ispejjez a kariku tal-atturi."

Minn din is-sentenza appellaw l-atturi li talbu t-thassir taghha. B'mod generali huma jsostnu illi t-Tribunal mar kontra l-principji tal-imparzjalita` u tal-ekwita` kif stabbilit fl-artikolu 8(2)(d) tal-Kap 380. B'mod partikolari huma jikkontendu in sostanza illi t-Tribunal mar oltre l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u ghalhekk id-decizjoni ghandha titqies 'extra petita' u 'ultra petita'. Jissottomettu wkoll li l-konvenuti ma gabu ebda provi tal-ammonti li jallegaw li ghandhom jiehdu.

Kif manifest mis-suesposti aggravji l-atturi appellanti jirpozaw l-kontestazzjoni taghhom kontra s-sentenza appellata fuq id-dispost tas-subinciz 2(d) tal-artikolu 8 ta' l-Att V ta' l-1995 li testwalment jipprovdi ghad-dritt tal-appell "meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella".

Jigi osservat mill-ewwel illi, innegabilment, ma jistax jinghad illi t-Tribunal illeda l-principju tal-imparzjalita` u li ma mexiex b'mod rett u xieraq fil-kondotta tal-proceduri quddiemu. Lanqas ma jista' jigi ghaldaqshekk akkuzat li kien parzjali fl-apprezzament tieghu ghaliex hass li kellu jakkorda aktar affidament lill-versjoni tal-appellati milli dik tal-appellanti. Precizata din l-osservazzjoni, jokkorri li jigi indagat jekk kienx hemm da parti tat-Tribunal ksur tad-dritt

ekwitattiv, fl-liema, s'intendi, jirrientraw il-konsiderazzjonijiet tad-dritt li jghoddu ghall-kaz.

L-appellanti jissottomettu illi t-Tribunal mar oltre l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u konsegwentement id-decizjoni hi "extra petita" u "ultra petita". Huma jirpozaw dan l-argoment taghhom fuq l-osservazzjoni illi l-konvenuti ma ressqu ebda kontro-talba.

Hi l-fehma ta' din il-Qorti illi ma jidherx li s-sentenza nghatat mhux fuq il-bazi tad-domanda jew tad-difiza ghaliha. Difiza din li kienet arginata fuq il-konsiderazzjoni illi l-konvenuti mhux biss ma kellhomx jaghtu l-ammont reklamat izda, wkoll, li huma kellhom jigbru minghand l-atturi somma flus ghall-ispejjez minnhom erogati f'riparazzjonijiet in konnessjoni mad-dghajsa proprjeta` tal-istess appellanti. Mill-ezami taghha tas-sentenza appellata din il-Qorti ma ssibx li t-Tribunal mar 'extra petita'.

Biex, imbaghad, l-impunjattiva taghha, ghal motiv li t-Tribunal mar 'ultra petita', tista' tirnexxi jrid jinsab li t-Tribunal gab ragunijiet li ma gewx dedotti mill-partijiet jew minn xi parti fosthom. Intqal a propozitu fis-sentenza fl-ismijiet "**Marchese Riccardo Cassar Desain noe -vs- Giovanni Spiteri**", Appell Civili, 25 ta' Novembru 1927 (**Kollez Vol XXVI pI p903**), "Cosi` a testimonianza del **Mattirolo**) "Trattato di Diritto Giudiziario Civile", Vol IV no. 1055 e nota a pag. 954) non pecca di "ultra petita" la sentenza la quale accogliendo la conslusione di una delle parti aggiunga a sostegno di essa dei motivi in diritto che non furono fatti valere dalla parte medesima, o dei motivi in fatto, che sebbene non invocati dalla stessa parte, emergono pero` dagli atti della causa".

Biex tissokta tinghata twegiba ghall-punt sollevat illi l-appellati ma avvanzaw ebda kontro-talba, u li mieghu jorbitaw kemm il-precitat aggravju kif ukoll gravami ohra, inter alia, li t-Tribunal ma seta' qatt, in mankanza ta' kontro-talba, jasal ghal konkluzjoni li ghandu jkun hemm tpacija gudizzjali, ghandu jinghad illi din il-Qorti ma tarax in-necessita` li jkun hemm bilfors talba rikonvenzjonali.

F'materja ta' kumpensazzjoni gudizzjali d-domanda rikonvenzjonali kienet tkun rikjesta li kieku l-kreditu oppost bi tpacija ma jkunx ta' facli likwidazzjoni. Dan ghaliex f'kaz bhal dan il-gudikant ikun tenut jippronunzja ruhu kontestwalment fuq iz-zewg domandi - dik principali u dik rikonvenzjonali.

Issa skond il-gurisprudenza l-kumpensazzjoni gudizzjali hija ammessa meta l-kreditu ta' min igibha l-quddiem ikun ta' facli likwidazzjoni avolja ma jkunx likwidu (**Kollez Vol XXXI pI p435** u **Vol XLVIII pII p764**). Kif maghruf ukoll il-likwidita` taz-zewg krediti ma kienx estrem essenzjali tal-kumpensazzjoni gudizzjali; anzi l-kazi l-aktar spissi huma ta' kreditu likwidu ma' iehor illikwidu (**Kollez Vol XVII pIII p4**). L-accertament fuq il-likwidita`, hekk konsistenti minn valutazzjoni ta' fatt, ma teskludiex il-possibilita` li l-gudikant jinqeda bir-rizultanzi istruttorji ghad-disposizzjoni tieghu. Biex din l-attivita` ta' likwidazzjoni tigi kompjuta mill-gudikant ma hemmx ghalfejn allura talba rikonvenzjonali specifika 'ad hoc'.

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet ta' indoli legali, ma jidherx li t-Tribunal tbieghed mill-principji ta' dritt in materja. It-Tribunal ghamel l-evalwazzjoni tal-fatti attendibbli fil-process u hassu sodisfatt li l-appellati gabu provi sufficcjenti tal-ammonti li huma allegaw li kellhom jiehdu u ghadda biex jillikwida l-istess, wara li skarta xi rjus ta' spejjez. Id-decizjoni tieghu kienet essenzjalment bazata fuq din il-konsiderazzjoni fattwali ghal liema abbina l-principju tad-dritt okkorrenti. Din il-Qorti ma ssib xejn illogiku fid-deduzzjoni li ghamel it-Tribunal fejn irraguna illi mentri l-appellanti ghandu dritt ghas-somma reklamata minnu, eccetto l-ispejjes legali u gudizzjarji, ghadda imbaghad biex, permezz tal-mekkanizmu estintiv tat-tpacija gudizzjali, irrisolva l-kwestjoni bil-pronunzjament konkluzjonali tieghu. Din wara kollox kienet tirrapprezenta l-ezitu finali tal-accertamenti u tar-ragonament tieghu fuq il-kontro-kreditu tal-appellati, b'applikazzjoni ukoll tal-kompensazzjoni gudizzjali. Konsegwentement din il-Qorti ma ssibx lanqas li t-Tribunal agixxa b'mod gravi kontra d-dettami tal-ekwita`.

Ghal dawn il-motivi kollha l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------